# *Animazzjoni – It-Tmintax–il Ħadd ta' Matul is-Sena (Sena Ċ)*

**<u>Dħul:</u>**

Illum il-Knisja tiċċelebra t-Tmintax –il Ħadd ta' matul is-sena. Illum Ġesù jurina b'mod ċar il bżonn li nagħrfu dak li verament jibqa' u jgħodd, jekk hux il-ġid materjali jew l-opri tal-ħniena. Filwaqt li nirrifletu fuq dan, nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**<u>Qari:</u>**

Fl-ewwel qari naraw kif kull ħidma tal-bniedem ma tiswa xejn, jekk ma ssirx fil-Mulej. San Pawl imbgħad jurina kif permezz tal-magħmudija, in-nisrani irid jgħix ħajja ġdida, u ħielsa minn kull dnub. Fl-evanġelju illum Ġesù jgħallimna liema hi l-għana tassew. Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**<u>Salm Responsorjali:</u>** Mulej, int kont għalina kenn minn nisel għal nisel.

**<u>Offertorju:</u>**

Inressqu dawn l-offerti li huma frott mill-ġid li Alla pprovdielna biex bihom nagħmlu dan is-sagrifiċċju qaddis. Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**<u>Tqarbin:</u>**

Nersqu bil-qima biex nirċievu lil Ġesù Ewkaristija ħalli jkompli jġedded il-ħajja tagħna, filwaqt li nkantaw flimkien.